# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAHRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GHAWDEX

**MARZU - APRIL 1994** Nru. 77


## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

# Int għandek Tama?

***"Sakemm għandna t-tama għandna d-direzzjoni, l-enerġija biex nimxu, u l-mappa biex naslu safejn irridu! Għandna mitt alternattiva u nfinita' ta' ħolm. Bit-tama diġa qegħdin nofs triq; bla tama aħna mitlufin għal dejjem".*** Dawn huma kelmiet miktuba minn kittieb taljan, **Leo Buscaglia**.

**Il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II,** f'diskors li għamel liż-żgħażagħ Amerikani ġewwa Los Angeles fl-1987 kien qal:

***"Jekk inħarsu lejna biss, bil-limitazzjonijiet tagħna u d-dnubiet li nagħmlu, nimtlew bid-dwejjaq u naqtgħu qalbna. Iżda jekk inżommu għajnejna fuq Alla qlubna jimtlew bit-tama.......Ma nistgħux ngħixu bla tama. Jeħtieġ ikollna xi għan fil-ħajja, xi tifsira għall-għixien tagħna. Jeħtieġ naħdmu għal xi ħaġa. Bla tama nibdew immutu."***

**Ġesu'** qal: ***"Tassew, tassew ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja".*** (Ġw.5,24)

**• X'inhi t-TAMA?**

Jekk infittxu sewwa din il-kelma fid-Dizzjunarju nsibu li t-tama hi stennija ta' xi ħaġa mixtieqa. Hija xi ħaġa iktar minn xewqa: meta wieħed jittama, jistenna xi ħaġa bil-kunfidenza li żgur għad tiġi. Fil-każ ta' l-insara din ix-xi ħaġa, jew xi ħadd, hu ĠESU' KRISTU.

Il-virtu' teologali tat-tama hi qawwa ġewwiena li tiġi mill-fidi fil-weghdiet ta' Kristu. Din il-***"fidi hi ċ-ċertezza li dak li nittamaw se jseħħ."*** (Lhud:11,1).

Tama ta' din ix-xorta hija DON, jew RIGAL. Ħadd ma jista' jkollu kunfidenza bħal din jekk mhux bil-grazzja ta' Alla. Għalhekk it-talb huwa importanti: ***"Itolbu u jingħatalkom."*** (Mt.7,7)

- IT-TAMA tfittex it-tajjeb fin-nies, flok ixxandar il-ħażin.
- IT-TAMA tfittex x'jista' jsir, flok toqgħod tgorr li ma tista' tagħmel xejn.
- IT-TAMA tixgħel xemgħa, minflok tisħet id-dlam.
- IT-TAMA timbotta 'il quddiem, minflok ma tieqaf.

*ikompli f'paġna*

## FESTA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI



**■ Il-Ġimgħa: 22 t'April:**

*Lejlet il-Festa:*

Fis-6.30pm.: L-Ewwel Għasar Kantat

Fis-7.00pm.: Quddiesa

**■ Is-Sibt:** *Jum il-Festa:*

Fis-7.40am.: Uffiċċju tal-Qari, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Terza.

Fis-6.30pm: It-Tieni Għasar Kantat

Fis-7.00pm.: Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof li fiha jagħmel l-Omelija tiegħu dwar il-Megalomartri San Ġorġ.

*N.B. Il-Quddies f'Jum San Ġorġ jibqa' sejjer anke fis-2.00pm, fit-3.00pm, u fil-4.00pm. Tajjeb li nqaddsu din il-ġurnata hekk għażiża billi nisimgħu l-quddies u nitqarbnu.*

## L-Għid it-Tajjeb lil Kulħadd

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

23.01.94: MARIA, bint Thomas Casha u Carmen nee' Micallef
29.01.94: SAMANTHA, bint David Vella u Jane nee' Mejlak
05.02.94: CHRISTOPHER, ibne George Cauchi u M'Assunta nee' Borg
19.02.94: ANTIDA, bint Anthony Formosa u M'Therese nee' Galea
26.02.94: MARIA MARTHA, bint Carmel Cachia u Josephine nee' Xuereb
04.03.94: LEANNE, bint John Vella u Mary Helen nee' Masini
13.03.94: NICOLE, bint Michael Azzopardi u Georgina nee' Apap
13.03.94: SAMUEL, iben Anton Sillato u Maria nee' Vella.

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

11.02.94: George Cremona
16.02.94: Carmelo Gatt

## ĦINIJIET TAL-QUDDIES

**Nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu 1994 naqilbu għal Ħin tas-Sajf.**
Il-Ħinijiet tal-Quddies ta' fil-Għaxija fil-Bażilika tagħna jkunu hekk:
**Matul il-Ġimgħa:** Fil-5.30pm u fis-7.00pm
**Ħdud u Festi :** Fil-5.00pm u fis-6.30pm.

## KORS TA' GĦAXAR LEZZJONIJIET GĦALL-GĦARAJJES U KOPPJI MIŻŻEWĠA

Bħalma sar is-sena l-oħra, l-Parroċċa tagħna qed torganizza għaxar laqgħat dwar iż-Żwieġ u l-ħajja tal-Familja fid-dawl tat-tagħlim tal-Knisja. Dan il-Kors huwa miftuħ għall-għarajjes kollha kif ukoll għall-koppji miżżewġa. Fit-tmiem tal-Kors ser jingħataw ċertifikati lil dawk li jkunu attendew għalih. Dan il-kors mhux ser jieħu post il-Kors tal-Moviment ta' Kana, iżda huwa komplimentari għalih, u l-għarajjes li jkunu ser jiżżewġu jiġu mitluba li juru kemm iċ-Ċertifkat ta' Kana kif ukoll dak tal-Parroċċa.

Dawn il-laqgħat ser jibdew nhar il-Ġimgħa: 8 ta' April fis-7.15p.m. fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Il-laqgħat jibqgħu jsiru kull nhar ta' Ġimgħa fl-istess ħin. ■

# EDITORJAL

## IL-KUNSILL LOKALI TAL-BELT VICTORIA

Nhar is-Sibt 16 ta' April 1994 ser isiru l-elezzjonijiet biex jiġi magħżul il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Għal gżira tagħna ta' Għawdex ser ikun il-Kunsill bl-ikbar numru ta' kunsulieri: iridu jiġu eletti sebgħa. Żgur li ser ikun jum fejn ħafna kurrenti ser jitilgħu fil-wiċċ u kulħadd jimbotta lill-kandidati li jkun jaqbel lilu. Aħna ma jimpurtaniex mill-politika. Ma jimpurtaniex min ser ikollu maġġoranza ta' kunsulieri. Aħna jimpurtana biss min ser ikunu dawn u kif nixtiequhom li jkunu.

Fil-fehma tagħna l-kunsulieri tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria għandhom jintagħżlu bir-reqqa u bil-għaqal. Fuq kull wieħed u waħda minnha taqa' din ir-responsabilta' ewlenija. Irridu noqgħodu attenti li fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria neleġġu nies li ma jkollhomx xi forma ta' għamad politiku jew parrokkjali. Nixtiequ li jiġu eletti nies li ma jħarsux lejn l-uċuħ meta jiġu biex jittieħdu ċerti deċiżjonijiet. Nixtiequ kunsulieri li ma jkollhomx klikek li jkunu jmexxuhom minn imneħirhom. Nixtiequ individwi li jħarsu biss lejn il-ġid tal-belt kapitali tal-gżira tat-tlett għoljiet.

Għalhekk meta jasal il-jum tas-16 ta' April nippretendu li kulħadd jmur jivvota u jagħti sehemhu biex ikollna Kunsill Lokali li jagħmel ġieħ lill-beltna u li fih ikun hemm nies li jmexxu fl-aħjar interess tal-belt kollha, mingħajr ma jħarsu lejn l-interessi li jista' ikollhom. Ma nippretendux li dak li jkun ma jkollux ċerti simpatiji, jifforma parti minn dik jew din il-komunita' parrokkjali, jħaddan dan jew dak it-twemmin politiku. Nies mingħajr dan kollu ma nafux jekk hux possibbli jinstabu.

Meta, imbagħad, jiġi elett il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, biex jkollu l-fiduċja ta' kulħadd, irid jimxi b'mod rett, b'mod li ma jiddiskriminax, u li jimxi b'mod li verament juri li qed jiġi mfittex il-veru ġid ta' din il-belt.

J'Alla kull min jiġi elett iżomm quddiem għajnejh li hu rappreżentant tal-poplu kollu tal-Belt Victoria u li jkun lest li jissagrifika l-interessi partikolari tiegħu għall-aħjar interessi tal-belt tagħna.

Dan hu l-awgurju tagħna. Inħeġġu lil kulmin għandu dritt jivvota biex nhar is-Sibt 16 ta' April, jaqdi dmiru u jmur jivvota u jagħżel dwak in-nies li fil-fehma tiegħu jaqblu ma dak li qed ngħidu aħna llum.

# IL-FRATELLANZA TAS-SS.MU KURĊIFISS TFAKKAR IL-100 SENA TAGĦHA

Il-Fratellanza tas-SS.mu Kurċifiss tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex iċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Din il-Fratellanza twaqqfet fil-10 ta' Ottubru 1893, bl-inizjattiva u bil-ħidma ta' Dun Vinċenz Zammit, Viċi-Parroku ta' San Ġorġ, u bl-approvazzjoni ta' l-E.T. Mons. Fra Ġwann Marija Camilleri, O.E.S.A., Isqof t'Għawdex.



*Il-Fratelli ġodda wara l-Vestizzjoni tagħhom.*



*Mons Isqof ma' Mons Arċipriet flimkien mal-membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss*

Mit-twaqqif tagħha 'l hawn, din il-Fratellanza ħadet l-inizjattiva f'bosta attivitajiet fosthom l-organiżżazzjoni tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, il-Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib li tiġi ċċeelebrata kull sena fl-14 ta' Settembru u dan l-aħħar ukoll il-Festa tal-Liżar ta' Kristu, li ssir kull sena f'waħda mill-Ġimgħat tar-Randan. L-għan ta' din il-Fratellanza hu li xxerred dejjem aktar id-devozzjoni lejn Kristu Msallab u l-Pjagi Mqaddsa Tiegħu.

Bħala tifkira ta' dan l-ewwel Ċentinarju, il-Fratellanza organiżżat jumejn festi fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Nhar il-Ħamis, 3 ta' Marzu ġiet iċċelebrata l-Festa tal-Liżar ta' Kristu b'ċelebrazzjoni tal-Kelma li kienet tinkludi Talb u Riflessjonijiet dwar Kristu Msallab. Fi tmiem sar diskors kommemorattiv dwar il-Fratellanza mis-Sur Ġorġ Borg, Segretarju tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-Funzjoni għalqet b'Konċelebrazzjoni li tmexxiet minn Mons. Arċipriet Salv Borg.

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu kien Jum il-Kommemorazzjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju tal-Fratellanza. L-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan u għamel omelija ta' l-okkażżjoni. Wara saret vestizzjoni ta' seba' fratelli ġodda. Bosta fratelli attendew għal dawn iż-żewġ okkażżjonijiet lebsin il-konfratija. Ittieħed ukoll ritratt ta' l-okkażżjoni ma' L-E.T. Mons. Isqof u Mons. Arċipriet. F'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ħa sehem bil-kant tiegħu l-Chorus Urbanus tal-Bażilika.

# IL-BANDA "LA STELLA" MISTIEDNA ZZUR IL-KANADA

Bejn is-17 u t-28 ta' April, il-Banda Ċittadina "La Stella" se żżur il-Kanada fejn hemmhekk se tieħu sehem fil-Festa ta' San Ġorġ Martri li l-Komunita' Maltija tiċċelebra ta' kull sena fil-Belt ta' Toronto, Ontario. Tul il-mawra tagħha fil-Kanada, l-Banda ser tagħti għadd ta' servizzi fost l-emigranti Maltin u Għawdxin, fosthom daqq ta' marċi u programmi mużikali, kif ukoll ser tingħaqad f'servizz liturġiku f'waħda mill-Knejjes tal-Belt.

Naturalment, il-qofol tal-Festa jintlaħaq nhar it-23 ta' April, Festa Liturġika ta' San Ġorġ, meta l-Banda se tieħu sehem f'Quddiesa Solenni fil-Knisja ta' San Pawl, permezz tad-daqq ta' inijiet reliġjużi, u tattendi għal Gala Dinner Dance li se jkun patroniżżat minn madwar 850 emigrant.

Iż-żjara tal-Banda "La Stella" fil-Kanada qed issir fuq stedina tal-Festa San Ġorġ Association li minn naha tagħha qed tagħmel minn kollox biex issarraf din il-mawra f'okkazzjoni oħra memorabbli għas-Soċjeta'. Inizjattiva partikolari f'din iż-żjara qed jieħu l-Chev. Ignatius Saliba, wieħed mill-partitarji tal-Banda f'Toronto, li bl-inkoraġġiment u l-pariri siewja tiegħu qed ikun ta' għajnuna kbira għas-Soċjeta'.

Fil-Kanada, il-Banda se tkun taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Joseph Vella. L-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Salv Borg, wkoll se jakkumpanja l-Banda f'din il-mawra, sabiex jieħu l-opportunita' jiltaqa' ma' l-emigranti u l-familji Ġorġjani fost il-komunita' Maltija tal-lokal.

Din iż-żjara kulturali tal-Banda Ċittadina "La Stella" qed tiġi sponsorjata mill-Mid-Med Bank.

Il-Kontinġent kollu li se jħalli Malta nhar il-Ħadd 17 t'April se jkun kompost minn 70 ruħ, li jinkludi Bandisti, diriġenti tas-Soċjeta' u grupp żgħir ta' partitarji. ■



*Dan hu t-tieni artiklu b'konnessjoni mas-Sena tal-Familja. Din id-darba ser inwasslulkom artiklu miktub minn EUGENIO ZAMPETTI fir-Rivista "Il Cooperatore Paolino"*

# IL-FAMILJA: TEMPJU TAL-HAJJA

Propju f'dawn il-ġranet, waqt li kont qed inwettaq il-professjoni tiegħi ta' pedjatra, għamilt daqsxejn ta' riflessjoni meta rajt id-dedikazzjoni, l-ħeġġa ta' ħafna ġenituri (b'mod speċjali l-aktar li laqgħtuni kienu l-missirijiet) lejn it-tfal ċkejknin tagħhom, speċjalment dawk tat-twelid. Waqaft kemm il-darba nosserva b'liema attenzjoni jilqgħuhom f'idejhom qishom f'benniena, filwaqt li tarahom qishom mitlufa għall-kollox jħarsu lejhom mistagħġba, u fl-istess ħin jgħassu fuqhom qishom b'seba' għajnejn li ma jmurx jiġrilhom xi ħaġa. Ġest ta' imħabba, ħarsa ħelwa u fl-istess ħin għassiesa, rifless ta' l-imħabba ta' Aila lejn il-bniedem.

Meta qgħadt nosserva sewwa, ittendejt li dawn il-persuni, irġiel u nisa, ħafna drabi kienu bnedmin li ma rnexxilhomx jitilgħu wisq 'l fuq fl-ambjent soċjali, iżda persuni, li għalkemm ma nsejjħilhomx emarġinati, huma żgur il-bogħod minn xi ħajja ta' lussu u ta' kumdita' assoluta. Ħajjithom żgur li mhix nieqsa mill-problemi. Bl-istess mod nibqa' immeraviljat meta nara tfal ta' persuni li jġorru fuqhom it-timbru ta' vjolenti, delinkwenti, drogati, ħabsin, alkoħolizzati; ta' kull darba nħossni mistagħġeb hekk kif nara lil dawn it-tfal jixtiequ daqstant ħerqana l-missierhom; meta nara kemm jifirħu u jagħmlu festa meta jiltaqgħu miegħu; meta narahom daqshekk deċiżi li ma jbiddluh ma' ħadd u ma' xejn. Tassew li l-irbit tal-familja għandu għeruq mill-iżjed b'saħħtu, li ħadd u xejn ma jirnexxielu jkisser jew jaqta'. Miraklu ieħor ta' l-imħabba.

## ■ ATTENZJONI GĦAT-TFAL

Mela, il-familja, fil-veru sens tal-kelma, tidher bħala tempju qaddis li jiġbor flimkien, anzi, jiġbor fih l-imħabba ta' Alla, li f'dan it-tempju Hu sar bniedem. Huwa fatt li bħalma qal l-**"Osservatore Romano"** matul iż-żmien tal-Milied, is-Salvatur kiber fis-sħana ta' fuklar domestiku; il-Mulej wera lilu nnifsu permezz ta' tarbija, sinjal għalina li għandna dejjem inkunu attenti li nifhmu l-messaġġi kollha li t-tfal iwasslulna. Messaġġi, li fil-parti l-kbira tagħhom, la huma messaġġi miktuba u l-anqas messaġġi mitkellma, iżda li aħna neħtieġu nilqgħuhom billi nagħtu każ ta' dak li l-ħajja, ir-realta', il-ġurnali, it-television, il-mass-media in ġenerali jipproponulna jew jwasslulna permezz tat-tfal. Min jaf kemm riferimenti kull wieħed u waħda minna jista' jsib mingħajr l-ebda diffikulta'. Illum iktar minn qatt qabel, ma nistgħux ma nagħtux każ ta' tant sejħiet li dawn it-tfal jagħmlulna. ***"Imberkin il-batuti, dawk li jiġu ppersegwitati minħabba l-ġustizzja, għaliex tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet!"*** Sa' llum dejjem kont konvint li dawn il-kelmiet Kristu kien qalhom għall-kbar biss.

## ■ L-IDENTITA' TAL-FAMILJA

Mela, bħalma kiteb Mons. Salvatore De Giorgi, is-sena 1994 hija okkażżjoni providenzjali u storika sabiex ninżlu fil-fond tal-valuri konstituttivi tal-familja, niżnu sewwa ir-riżorsi kollha li hemm, nfittxu li nsibu eżatt ir-responsabiltajiet biex nibnu dinja iżjed fraterna u solidali. Anke quddiem sitwazzjonijiet koroh minħabba l-pjagi morali u l-fraġilita' spiritwali , kif ukoll minħabba kondizzjonijiet ta' faqar, il-qawwa ta' l-imħabba nisranija, tal-grazzja fejjieda tippreżenta l-enerġija kapaċi li ġġedded dawn is-sitwazzjonijiet.

Issa huwa ż-żmien tajjeb u urġenti biex **"insaħħu l-identita' u l-missjoni tal-familja mibnija fuq iż-żwieġ. Skond il-pjan ta' Alla, iż-żwieġ isib il-milja tiegħu fil-familja, li tagħha huwa l-bidu u l-pedament. Minn din ir-rabta intima u kostituttiva taż-żwieġ u bl-imħabba li tfissru, kull familja tibi l-identita' u l-missjoni tagħha li tħares u xxerred l-imħabba, permezz ta' formazzjoni ta' komunita' awtentika ta' persuni, is-servizz għall-ħajja, u l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tas-soċjeta'. (*cfr. CEI, Direttorio di pastorale familiare, 1993*). L-ewwel edukaturi u evanġelizżaturi ta' l-ulied huma propju l-istess ġenituri: min għandhom l-ulied jistgħu jitgħallmu jħossu u jagħrfu is-sens ta' Alla"!**

Min minna ma għadux jiftakar b'ferħ u b'ċerta serenita' dak iż-żmien li fih konna nitolbu fil-familja? Dak iż-żmien kienu ftit dawk li kellu it-***Television,*** għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġi mitfi. Konna ninġabru ta' kull filgħaxija, taħt it-tmexxija tan-nanniet tagħna (li f'dak iż-żmien kienu għadhom joqgħodu ma' uliedhom u ulied uliedhom), sabiex ngħidu xi talba komunitarja, ġeneralment ir-**Ružarju.** Konna anke nitolbu għall-ħtiġijiet spiritwali u materjali ta' l-istess familja tagħna. Illum min minna qed jirnexxielu jsib il-ħin sabiex ngħidu r-Ružarju, iktar u iktar jekk nippruvaw ngħiduh flimkien? U nwaħħlu f'tant impenji oħra li l-istess familja u x-xogħol tagħna jimponu fuqna kontinwament!

## ■ ŻMIEN U POST GĦAT-TALB

Tajjeb għalhekk li nidefendi, iva niddefendu lilna nfusna mill-istress u mill-ħidmiet u preokkupazzjonijiet li r-rutina ta' kuljum timponi fuqna waqt li tifga ġewwa fina kull ħeġġa u kull impuls li xi kultant jixgħelu fina dik ix-xewqa li nsibu minuta ta' skiet, ta' waqfien, ...mument ta' talb. Iżda b'din il-ħajja li qegħdin ngħaddu, meta ser insibu ftit tal-ħin għat-talb? Daż-żgur: illum jgħaddu ġranet u ġimgħat sħaħ bla ma jirnexxielna nroddu biss is-salib! Aħseb u ara jekk għandniex il-ħin li nitolbu fil-familja.

Għalhekk hi ħaġa sewwa, bħalma jgħidu, ejjew infittxu nirbħu l-ħażin bit-tajjeb:fil-għodu, per eżempju, filwaqt li b'dak il-ġenn u ġiri ngħinu lit-

*ikompli f'paġna 6*

❑ Knejjes Meqjuma lil San Ġorġ (Nru.1)

# IL-KNISJA DIACONIA TA' SAN ĠORĠ AL VELABRO TA' RUMA

Kan. Dun Nikol Vella Apap

**■ It-Tifsira u l-Funzjoni ta' *Diaconia***

Id-*Diaconia* kienet imwaqqfa biex twettaq attivita' ta' karita' u assistenza mal-fqar u x-xogħol prinċipali kien fl-amministrazzjoni u t-tqassim ta' l-ikel. Il-bidu ta' dawn l-istituzzjonijiet karitattivi skond ipotesi l-iktar emnuta hija mill-Lvant. Hekk li *Diaconia* , terminu Grieg' ġej mill-verb li jfisser 'isservi'. Is-sitwazzjoni politika fl-Italja tas-Seklu V u VI ikkaretteriżżata minn gwerer u invażjonijiet li ħolqu għaks, mard u faqar, ġabu mill-Lvant dawn l-istituti karitattivi u ta' assistenza (1).

L-iżvilupp ta' l-istituti Diaconali f'Ruma ġara għall-aħħar tas-seklu VII. L-ewwel għajn relattiva tad-Dioconia hija l-ħajja ta' Benedittu II mill-"Liber Pontificalis" fejn il-bijografu jitkllem dwar " Monasteria Diaconiae". L-istess espressjoni insibu fil-bijografiji ta' Giovanni V, Canone, u Girgor II. Id-diaconiji xterdu f'Ruma għat-tmiem tas-Seklu VII; fuq kollox il-bini tal-knejjes neċessarjament ma jaqbilx mat-twaqqif relattiv tad-Diaconiji, imma xi darba jmur 'l quddiem iktar minn seklu (2).

**■ Il-Knisja Diaconia ta' San Ġorġ al Velabro**

L-ewwel fonti ta' valur storiku għall-knisja ta' San Ġorġ "Al Velabro" nsibuha fil-bijografija ta' Leone II fil-"Liber Pontificalis" li jattribwixxi lil dan il-Papa t-twaqqif mill-bidu tat-tempju. Il-ġrajja ta' meta l-Papa Żakkarija (741-742) ħa fil-Knisja ta' San Ġorġ "RAS" dan il-Qaddis misjuba mirakolożament, insibuha mniżżla fil-"Liber Pontificalis" fejn il-bijografu jikteb li l-Knisja ta' San Ġorġ għandha l-isem ta' "Diaconia".(3) Il-Papa S. Żakkarija kważi bnija mill-pedamenti wara li kienet saret ħerba; Girgor IV (827 - 844) żejjen l-abside (arezella) bil-mużajk u żied żewġ portiċi (bibien). Bonifaċju VIII (1294 - 1303) taha b'titlu lill-Kardinal Giacomo Gaetano Stefanesci, fejn ordna lil Giotto jpitter l-abside.(4) Il-Kardinal G. Stefanesci ddedika ruħu b'żelu lejn dan it-tempju hekk li kiteb il-ħajja ta' San Ġorġ li tinsab fil-"Codice Di S. Giorgio" fl-Ark. Kap. ta' San Pietru. Din il-ħajja hija mżejjna b'minjaturi l-iktar fini ta' l-iskola ta' Simone Martini. Il-Kardinal Stefanesci ħa ħsieb ukoll ir-restawr ta' din il-Bażilika-Dioconia.(5)

Fis-seklu sbatax saru xi restawri: Klement IX (1667-1669) irrestawra l-portiku. Saret id-dekorazzjoni tas-soffitt opra ta' Francesco Civalli, alliev ta' Baciccia li fl-1704 żejnu bi kwadri ta' pittura fuq it-tila. Fir-restawr li għamel fl-1924 il-Munoz ħareġ għad-dawl ħajt nofs ċirku li dan jaħseb li huwa ta' l-abside tal-knisja l-qadima li tmur lejn il-Ħames jew is-Sitt seklu wara Kristu.

L-ewwel fonti żgura ta' San Ġorġ "Al Velabro" insibuha fil-bijografija ta' Leone II fil-"Liber Pontificalis". Dan il-Papa huwa ndikat bħala l-fundatur tal-Knisja li nbiet fis-seklu seba' Il-Munoz jaċċetta l-fundazzjoni ta' San Ġorġ għal Leone II u dan jidher f'konferma meta nstabu biċċiet ta' dekorazzjoni bil-pittura mal-ħitan tal-knisja. Dan l-affresk huwa ta' importanza u jixhed l-antikita' ta' ħajt ta' barra tan-navi fuq ix-xellug kif l-istess Munoz jemmen li huwa tas-seklu VIII. Dan ukoll ifisser li l-ħitan ta' barra huma l-istess sal-lum sa mis-seklu VIII, u l-knisja sa minn dak iż-żmien sal-lum hija bl-attwali pjanta ta' Bażilika bi tlett navati.(6)

Il-Knisja tal-Velabro hija meqjuma għall-Matri Orjentali San Ġorġ tal-Kappadoċja. Dan il-qaddis huwa wieħed mill-iktar meqjum fid-dinja kollha. Il-kult tiegħu xtered kemm fil-lvant kif ukoll fil-punent, hekk li ħafna bliet iqimuh bħala l-protettur tagħhom u xi artijiet ħadu "ismu".(7)

Id-Diaconia ta' San Ġorġ "Al Velabro" hija waħda mit-tmintax il-Diaconiji Rumani li jinsabu fiż-żona bejn ix-xtajta fuq ix-xellug tat-Tevere, u l-faldi tal-Palatino u ta' l-Aventino qrib il-Campidoglio u l-Foro Romano: dik iż-żona kienet taħt l-isem ta' "Velabrum". Miż-żminijiet tal-qedem Ruma infatti kienet imsejħa "Velabro" il-pjanura kollha li tinfirex bejn il-Campidoglio, il-Palatino, u t-Tevere; pjanura baxxa u bl-ilma li meta x-xmara timtela kienet issir għadira u tħalli l-ilma jinvada l-Foro. Wied ieħor li kien iżomm l-ilma kien jinsab fuq il-Grigal bejn il-Palatino, l-Esquilino u l-Celio u kien imsejjaħ "Velabrum minus" it-tnejn kienu jagħmlu l-"Velabra". (8) Id-Diaconia ta' San Ġorġ "Al Velabro" hija waħda mill-iktar Diconiji qodma ta' Ruma u għaliex hija Dioconia għandha mportanza fundamentali fl-istorja sa mill-bidu tagħha(9).

**■ Id-Diaconia ta' San Ġorġ minn Ġewwa**

Il-Knisja minn ġewwa fiha tlett navati. Iż-żgħar ta' fuq il-ġnub huma mifruda mill-korsija permezz ta' kolonni f'numru ta' erbatax, seba' fuq kull naħa, fil-bidu kienu ħmistax. Waħda minnhom (arkatura) ġiet magħluqa b'ħajt biex jibnu s-sagrestija, u iktar fil-qedem kienu sittax kif jiddeskrivi l-Ugnonio. Din tneħħiet biex tagħmel id-daħla għal kampnar fuq in-navata tax-xellug. Dawn il-kolonni ġejjin minn xi monument qadim ta' stil "Korint" u oħrajn ta' stil "ioniku". Hemm xi wħud jaħsbu li d-Diocovia ta' San Ġorġ hija mibnija fuq il-fdalijiet tal-Bażilika Sempronia, u jista' ikun li dawn il-kapitelli kienu ta' din il-Bażilika Sempronia. Minn xi turġien tista titla fuq il-presbiterju fejn hemm l-Artal Maġġur u wkoll "il-Konfessjoni". Erba' kolonni tal-granit iswed iżommu t-tribuna tar-rħam. Fil-fond ta' l-arzella hemm il-katedra Veskovili (is-siġġu ta' l-Isqof)(10).

**■ Id-Diaconia "Al Velabro" Stazzjon fir-Randan**

Id-Diaconia ta' San Ġorġ Al Velabro kienet ġiet imwaqqfa bħala Knisja Stazzjonali għal Ħamis wara l-"Irmied" mill-Papa San Girgor II fis-sena 731 (11). L-antika Knisja tal-Velabro, f'riġlejn il-Palatino li tiġi bejn l-arki mwaqqfin lil Giamo Quadrifronte u lil Settimo Severo diġa jeżistu fis-seklu V, San Ġorġ il-matri u gwerrier tal-Kappadoċja kiseb f'Ruma kult tassew kbir. Id-Diaconia kienet ġiet restawrata minn S. Leone II u minn S. Żakkarija, dan l-aħħar mill-Kardinal Luigi Sincero (12).

**■ L-Għeżeż Teżor tad-Diaconia ta' San Ġorġ "Al Velabro"**

Minn Lidda, l-"Iter" tar-Relikwiji ta' San Ġorġ tinfired f'żewġ direzzjonijiet, waħda orjentali diretta lejn Kostantinopli, iċ-ċentru tas-setgħa imperjali, u l-oħra oċċidentali diretta lejn Ruma, iċ-ċentru indiskuss tar-Reliġjon Nisranija. Kien jixraq li l-Belt ta' Ruma jkollha l-għeħ li tkun tista tgħodd fost ir-relikwiji insinji li ġa kellha fil-Bażiliċi tagħha, ir-Relikwija mirakoluża tal-Megalomartri li ismu hu msejjaħ u meqjum fid-dinja nisranija kollha. Kien jixraq illi Ruma l-ewwel fost il-Knejjes ta' l-Appostli imissha l-għeħ li tilqa' ir-ras qaddısa ta' dan ix-xhud kbir ta' Kristu biex tqimu u tagħtih il-għeħ li kien jistħoqqlu (13).

Għal snin twal ir-Relikwija Mirakoluża ta' San Ġorġ inżammet għal qima ta' l-Insara fil-Bażilika Patrijarkali tal-Lateran sakemm fis-sena 749 il-Papa Zakkarija (741-752) qatagħha li jittrasporta din ir-relikwija mill-Bażilika Lateranensi u jqiegħda fil-Bażilika Ġorġjana "Ad Velum Aureum". Il-"Liber Pontificalis" tal-Knisja ta' Ruma jgħarrafna dwar din il-ġrajja. Il-

ikompli f'paġna 6

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

jaqbad mill-paġna ta` quddiem

• IT-TAMA tiftaħ il-bibien, li jkunu ġew magħluqa bid-disperazzjoni

• IT-TAMA tkompli, minkejja d-dwejjaq tal-qalb.

• IT-TAMA taċċetta t-traġedja bil-fidi u l-kuraġġ.

Forsi jkun hawn min isaqsi: **Imma t-TAMA kif tikber?**

**Jekk aħna nridu li tikber fina t-tama rridu nagħmlu dan li ġej:**

❑ Nikkontrollaw il-ħsibijiet negattivi tagħna, u nifthu beraħ qalbna għal Kristu. Hu t-tama tad-dinja. Jeħtieġ li nħalluh ikun saħħitna u l-ferħ kollu tagħna.

❑ Nitolbu għall-ħelsien mill-irbit tad-dnub. Ma jistax ikollna t-tama meta aħna, għax irridu, ninsabu mxekkla bil-ħażen. ***"Il-ġlieda tagħna m'hix kontra l-qawwiet umani, iżda kontra l-mexxejja tad-dinja tad-dlam!"*** (Ef. 6,12).

❑ Nifrekwentaw is-Sagramenti. Hemm grazzi speċjali f'kull wieħed minhom, b'mod speċjali fl-Ewkaristija, li biha Kristu Rxoxt jitmagħna u jgħallimna l-għaqal.

❑ Jeħtieġ inkunu nafu għalfejn qed ngħixu. Hu tassew importanti għalina li jkollna idea ċara tal-missjoni li kull wieħed u waħda minna għandna fil-ħajja. Żgur li Alla ħalaqna għal xi ħaġa; kull wieħed u waħda minna għandna nagħmlu xi ħaġa li ħadd ma jista' jagħmilha f'lokna. Din hi t-tifsira tal-eżistenza tagħna.

❑ Irridu nsibu mezz kif inħobu tassew lill-proxxmu tagħna. Veru li kull wieħed u waħda minna hu individwu għalih, iżda aħna lkoll nagħmlu parti minn komunita' akbar. Alla ma ħalaqniex biex ngħixu weħidna. Kull wieħed minna hu wieħed minn poplu f'mixja, pellegrinaġġ, il-Poplu t'Alla.

❑ Irridu nipperseveraw fl-intenzjonijiet tajba tagħna. Hija tassew ħaġa ħafifa li tieqaf, iżda rridu niftakru li min rebaħ, qatt ma jkun waqaf.

Id-destin tagħna hu li nikbru fil-karattru nisrani. It-TAMA hi parti normali fil-ħajja tan-nisrani. Fil-Pjan t'Alla għalina ma kienx hemm li aħna għandna naqtgħu qalbna. Hu jrid li aħna jkollna FIDI FIH.

**Sant Wistin talab hekk:**

***Alla tal-ħajja, jiġu jiem meta t-toqol li nġorru jagħfas wisq fuq spallejna***

***meta t-triq tkun tidher dejqa wisq u bla tmiem,***

***is-sema mimli sħab u theddid;***

***meta ħajjietna ma jkollhomx mużika fihom***

***u qlubna jkunu weħidhom,***

***u nitilfu l-kuraġġ.***

***Imla' t-triq bid-dawl, nitolbuk Mulej, dawrilna'l għajnejna lejn is-sema li hu mimli wegħdiet.***

**J'Alla KRISTU RXUXTAT ikun it-tama sħiħa li timxi magħna matul ħajjitna kollha.**

*L-Arċipriet*

## IL-FAMILJA: IT-TEMPJU TAL-ĦAJJA

jaqbad minn paġna 4

tfal jilbsu, għaliex diġa tard u jridu jmorru l-iskola, ejjew inkeċċu minna in-nervożiżmu u l-għajjat: bizżejjed **sinjal tas-Salib** flimkien magħhom,u **t-talba ta' l-Anġlu Kustodju,** biex b'hekk jibdew il-ġurnata sewwa.

Imbagħad ġirja waħda bil-karozza, f'nofs dak it-traffiku kollu, daqq ta' ħornijiet, lights ipetptu, traffic-gams li żgur ser iġagħluk tittardja ma' tasal l-iskola u l-uffiċċju. L-arloġġ li jiġri ġiri ndannat u jkompli jinnervjak u jtellfek il-paċenzja. Safrattant, nista' ngħid li meta jirnexxieli, speċjalment jekk ikolli t-tfal miegħi fil-karozza, li ngħid anke ***Ave Maria*** waħda u naslu biex nifformulaw flimkien intenzjoni ta' talba qasira, allura dak il-ħin, inħossni kuntent, u ħalli ngħidha, nħossni realiżżat bħala missier.

Hekk ukoll fil-għaxija, meta mmorru sabiex ngħinu lit-tfal jilbsu l-pyjama, hawnhekk ukoll għandna okkażżjoni oħra, iżjed trankwilla, biex nkunu nistgħu ngħidu xi talba flimkien!

U tkun ħaġa tassew sabiħa, anke jekk ma naslux li nitfu t-T.V.,jekk xi kultant insibu xi programm li jgħallem lil kulħadd, u ejjew ngħidu, li xi programm għandna nsibuh, mhux hekk? Programm għall-kbar u għaż-żgħar, programm li jeduka mhux biss għall-kultura reliġjuża, iżda anke għall-ħafna aspetti sbieħ tal-ħajja: in-natura, l-arti, il-mużika, il-letteratura, il-patrimonju kulturali in ġenerali, kif ukoll għall-allegrija, għal xi tbissima li ma tħammarx il-wiċċ. Li kien jaħasra li l-***iscreens*** fid-djar tagħna ma jkomplux jagħtuna thrillers u pornografija, stejjer banali u ta' bla ebda messaġġ. Li kien jaħasra nsibu aħna ukoll xi film sabiħ, tad-daħk, komiku, film li huwa **"tajjeb għal kulħadd".**

Insomma, l-familja hija verament ***"training ground",*** qasam mill-isbaħ fejn nkunu nistgħu nittrenjaw lilna nfusna fl-edukazzjoni lejn uliedna, fil-paċenzja, fil-karita`, fil-qima li l-ulied juru lill-ġenituri tagħhom.

## ❑ Knejjes Meqjuma lil San Ġorġ

jaqbad minn paġna 5

Bibbljotekarju Anastasju, bijografu tal-Papa Żakkarija, ifissrilna kif il-Papa nnifsu ġarr sollennement ir-Relikwija qaddisa ta' RAS il-martri ta' Lidda mill-Lateran għad-Diaconia "Ad Velum Aureum" qalb il-ferħ tal-Kleru u l-poplu ta' Ruma (14).

Jibqgħu għal dejjem imfakkra l-festi kbar u solenni meta l-Bażilika monumentali ta' San Ġorġ tar-Rabat t'Għawdex u l-Knisja Arċimatrici u Arċipretali ta' San Ġorġ tal-Belt Pinto, fakkru għeluq is-1700 mit-twelid ta' San Ġorg, fejn il-festi kollha saru bis-sehem tal-Isqof Djoċesan Mons Nikol G. Cauchi, u żewġ Kardinali - L-.E.T. Opilio Rossi u l-E.T.Corrado Ursi fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ fil-preżenza tar-Relikwija Insinji tar-Ras (Il-Qorriegħa) ta' San Ġorġ mis-6 ta' Lulju sal-15 ta' Lulju tas-Sena 1984 - għaxar snin ilu - liema ġrajja storika ġrat taħt l-Arċipretura ta' Mons Emanweli Mercieca, Proto.Ap.,Prel. D'Onor., Kapitlu, Kleru, poplu Ġorġjan tal-Belt Victoria, u bis-sehem primarju tal-Banda Filarmonika "La Stella" ta' l-istess Belt Victoria.

*Riferenzi:*


1. A. Giannettini - G. Venanzi. S. Giorgio Al Velabro p.5
2. Ibid. Op. Cit. pp6,7.
3. Ibid. Op. Cit. p.18
4. Mariano Armellini. Le Chiese di Roma. p.631
5. A Giannettini - G. Venanzi S. Giorgio Al Velabro p.25
6. Ibid. Op. Cit. pp 29,30,31.
7. Ibid. Op. Cit. pp 13,14
8. Ibid. Op. Cit. p. 7
9. Ibid. Op. Cit. p.5
10. La Patria. Geografia Dell'Italia. Roma Citta' pp.222, 223.
11. Card. J. Schuster O.S.B. Liber Sacramentorum Vol. 1 p.748
12. P. Lucano Ab. O.S.B. Le Sacre Stazioni Romane Nella Quaresima E l-=-Ottava di Pasqua. p. 39
13. Il-Belt Victoria Ħarġa Speċjali. F'Egħluq l-1700 sena mit-Twelid ta' San Ġorġ Martri. Il-Miġja Fostna minn Ruma tar-Relikwija ta' San Ġorġ. Rev. Joseph Farrugia. p.6.
14. Ibid. Op. Cit. p.6. ■

# KOMPETIZZJONIJIET GĦAT-TFAL

✓ **KOMPETIZZJONI NRU.1**
**Għal tfal minn Yr. 4 sa Yr. 6 fl-Iskejjel Primarji**
***Wieġeb dawn il-Mistoqsijiet:***
1. F'liema xahar naqilbu għal Ħin tas-Sajf u f'liema xahar nerġgħu naqilbu għal Ħin tax-Xitwa?
2. Meta ser issir l-elezzjoni għal Kunsill Lokali tal-Belt Victoria?
3. Liema kulur jintuża fil-Liturġija matul il-Ħdud ta' Matul is-Sena?

✓ **KOMPETIZZJONI NRU. 2**
**Għall-istudenti ta' l-iskejjel Sekondarji**
***Wieġeb dawn il-Mistoqsijiet:***
1. F'liema ġranet il-Knisja tobbligana għas-Sawn u l-Astinenza?
2. Min kienu l-Isqfijiet tad-Djoċesi t'Għawdex mindu twaqqfet sa llum?
3. Kemm hemm Ministri fil-Kabinett Malti bħal issa u kemm għandna Segretarji Parlamentari?

*Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' April 1994 f'dan l-indirizz:* ***Il-Belt Victoria, Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karita', Victoria.*** *Jingħataw premijiet sbieħ ta' kotba.*

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-ħarga ta' "Il-Belt Victoria" Nru. 67 huma dawn:
**Kompetizzjoni Nru.1:**
Rosalie Camilleri, Ontario Place, Cetta Mintoff Str., Victoria
**Kompetizzjoni Nru.2:**
Carmelina Grech, 16, Alley 3, Charity Str., Victoria
*Ir-rebbieħa huma ġentilment mitluba jmorru fl-Uffiċċju Parokkjali biex jiġbru l-Premju.*

# SUĊĊESS IEĦOR FIL-KARNIVAL

Is-sehem tas-Soċjeta' "La Stella", fil-konkors tal-Karnival t'Għawdex ta' din is-sena ħalla għal darba oħra sodisfazzjon kbir warajh. Il-Banda pparteċipat b'żewġ servizzi matul il-jiem tal-Karnival u ċertament spikkat fost il-Baned loħra Għawdxin, b'kostum mill-aktar atraenti. Il-Banda "La Stella" dehret taħt l-isem : **"Isa għax ġejjin, ta' Robin Magħrufin".**

Ferm impressjonanti u brijuż kien il-Karru Trijonfali: **"Ċappas, Żelleġ, Biex tagħrfu trid titwerreċ"** li bih is-Soċjeta' kienet rappreżentata din is-sena. Kif kien mistenni, il-Karru spiċċa fl-Ewwel Post bl-unuri. Din kienet it-tielet sena konsekuttiva li s-Soċjeta` rebħet dan l-ogħla unur f'din il-kategorija.

Wara nuqqas ta' diversi snin, is-Soċjeta' din is-sena ppreżentat sett ta' Maskri Grotteski, li ukoll kien ta' livell superjuri għall-maskri l-oħra f'din is-sezzjoni. Dan is-sett, li kien iġib l-isem: **"Insiru Blehiena Mad-Daqq tal-Kantaliena"** meritatament ingħata wkoll l-Ewwel Post.

Ħajr lil kull min ta s-sehem tiegħu biex is-Soċjeta' setgħet għal darb'oħra tirreġistra suċċess ieħor fil-Karnival.

Sadattant it-Tnejn tal-Karnival, fit-Teatru Astra ġiet preżentata Serata Karnevaleska bis-sehem ta' kantanti, żeffiena u l-Group Folkloristiku Astra. Ġiet organizzata wkoll Carnival Best Costume Competition li ntrebħet minn Aaron Mario Buttigieg minn Kerċem.

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież Tfal,

Iż-żmien ta' penitenza għadda u issa rġajna għaż-żmien normali tas-sena. Dan ma jfissirx li m'għandniex nagħmlu iżjed atti ta' penitenza għax żmien ir-Randan għadda. Il-penitenza għandna nagħmluha dejjem, f'kull żmien tas-sena. Lil ġisimna rridu ngħakksuh u ma nfissduhx iżżejjed. U mal-penitenza, tfal, għandna nagħmlu wkoll atti ta' ħniena mal-proxxmu tagħna kollu, hu min hu. Għandna nkunu dejjem u ma' kulħadd qalbna tajba u ma nkunu qatt u ma' ħadd żorri jew qalbna ħażina. Ukoll jekk stess ħaddieħor juri magħna attitudni qarsa jew żorra. U la qed nitkellmu fuq dan is-suġġett tal-Ħniena, ħalli ngħidilkom naqra ta' storja.

Bidwi Għarbi kellu żiemel sabiħ li kien iġib l-għira ta' bosta. Anke Aħmed, l-ikbar sinjur tal-pajjiż, sema' bih u meta rah, iġġennen għalih. Offra somma kbira, iżda l-bidwi, għad li fqir, ma riedx ibiegħu. L-għani heddu:
"Int ma tajthulix bis-sewwa u jien noħodulek bid-dnewwa!"

Għadda ż-żmien, u darba, waqt li l-bidwi kien qiegħed jirritorna d-dar, tard fil-għaxija, ra f'ġenb ta' triq raġel kobba fl-art, jokrob bl-uġiegħ u jitlob l-għajnuna. Il-bidwi waqaf, resaq lejh, refgħu u tefgħu fuq il-bhima. F'mument wieħed ir-raġel stejqer, daħak daħka, ġibed ir-riedni u ħalla lill-Għarbi fqir skantat, iħares lejh. Imbagħad, ir-raġel misterjuż qallu:
"Bis-sewwa ma tajthulix..........ħadthulek bid-dnewwa!"

Il-fqir għarfu. Ir-raġel misterjuż ma kien ħadd għajr Aħmed. Iżda flok telaq jiġri warajh, jgħajjat u jeqred, qallu:
"Iż-żiemel ħudu, iżda nitolbok tgħid lil ħadd kif akkwistajtu, għax għandu mnejn ikun hemm min veru jeħtieġ l-għajnuna u ħadd ma jieqaf jagħtihielu għax jibżgħu li jqarrqu bihom bħal m'għamilt int lili".

Aħmed sar vampa nar bil-mistħija. Niżel malajr minn fuq iż-żiemel u waqt li talab maħfra, radd dak li kien seraq.

Il-qalb tajba, tfal, għandha forza aktar mill-vjolenza.

Għal-lum dak kollox, tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu darb'oħra, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom l-Għid it-Tajjeb.

nfakkarkom........tieklux ħafna figolli u bajd ta' l-Għid.......għax tiħxienu!. Tata'.

*iz-Ziju Peppi.*







*Imbierek min gej f'Isem il-Mulej*

## BAŻILIKA SAN ĠORĠ

# PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA IMQADDSA




Mill-Ħadd 27 ta' Marzu sal-Ħadd 3 t'April 1994

**Il-Ħadd 27 ta' Marzu - *Ħadd il-Palm***
F'kull quddiesa jsir it-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ
9.00am. : Quddiesa għat-Tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali
5.00pm. : Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ fiċ-Ċentru Parrokkjali u Purċissjoni għal-Bażilika fejn issir Konċelebrazzjoni Solenni mexxija minn Mons Arċipriet.
6.00pm. : Inawgurazzjoni tal-Mejda ta' l-Appostli li ddum miftuħa sal-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu.

**It-Tnejn 28 ta' Marzu - *It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa***
5.30pm. : Quddiesa u Via Sagra
6.30pm. : Quddiesa
7.15pm. : Kunċert ta' Marċi Funebri mill-Banda Ċittadina "La Stella" taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Joseph Vella.

**It-Tlieta 29 ta' Marzu - *It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa***
5.30pm. : Quddiesa u Via Sagra
5.30pm. : Fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali: L-EWWEL QRARA tat-tfal li din is-sena ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

**L-Erbgħa 30 ta' Marzu - *L-Erbgħa tat-Tniebri***
5.30pm. : Quddiesa
7.00pm. : VIA SAGRA solenni u Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Isqof Nikol Cauchi flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru.

**Il-Ħamis 31 ta' Marzu - *Ħamis ix-Xirka***
6.30pm. : Konċelebrazzjoni Solenni mexxija minn Mons Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru li fiha jsir ukoll il-ħasil ta' riġlejn l-Appostli
Issir ir-Repożizzjoni tas-Santissimu Sagrament fis-Sepulkru.
8.30pm. : Visti tas-Seba' Knejjes organiżżati mill-Fratellanza tal-Kurċifiss.

**Il-Ġimgħa 1 ta' April - *Il-Ġimgħa l-Kbira***
8.00am. : Uffiċju tal-Qari u Tifħir ta'Sbieħ il-Jum.
4.00pm. : Funzjoni Liturġika bil-Qari tar-Rakkont tal-Passjoni, l-Adorazzjoni u l-Bews tas-Salib u Tqarbin.
6.00pm. : Tibda timmarċja l-Purċisjoni Tradizzjonali u Devota tal-Ġimgħa l-Kbira. Tieħu sehem il-Banda Ċittadina "La Stella" flimkien mal-Korijiet tal-Parroċċa.

**Is-Sibt 2 ta' April - *Sibt il-Għid***
8.00am.: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir tas-Sbieħ il-Jum
8.00pm. : Funzjoni Liturġika bit-Tberik tan-Nar, it-Tħabbira ta' l-Għid, il-Qari u Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Arċipriet.

**Il-Ħadd 3 ta' April - *L-GĦID IL-KBIR***
9.00am. : Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Arċipriet
10.30am.: Marċ brijuż mill-Banda "La Stella" bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.
3.30pm. : Jibda t-Tberik tal-Familji għal Żmien il-Għid.


*L-Akbar Fiera Kummerċjali Organizzata f'Għawdex*

**IDEAL HOME EXHIBITION**

**fil-Kumpless tat-Teatru ASTRA**

*25, 26 u 27 ta' Marzu 1994*


***Li tivvota huwa dmir....***
**Elezzjoni għal Kunsill Lokali tal-Belt Victoria**
**Is-Sibt 16 ta' April 1994 mis-7.00am sas-7.00pm**
***.........mela aqdi dmirek u mur ivvota.***

## PELLEGRINAGGI GĦAL LOURDES

✦ **L-EWWEL PELLEGRINAĠĠ**
Mill-25 sat-28 ta' Lulju 1994 - *FULLY BOOKED*

✦ **IT-TIENI PELLEGRINAĠĠ**
***Mill-1 sa l-4 t'Awissu***
Erbat ijiem sħaħ fil-belt tal-Madonna
*L-istess programm għaż-żewġ pellegrinaġġi.*
Aħsbu kmieni għax in-numru fuq it-tieni pellegrinaġġ huwa limitat. Dawk interssati għandhom jkellmu lill-Arċipriet kemm jista' ikun malajr.

A+M PRINTING LTD. - QALA